# IL-GASS

## PSIKOLOĠIJA MŻEWQA

*(Tifkira tal-11 ta' Marzu, 1936)*

"Il-lejla fl-erbgħa jiġi l-gass". Fi ħsiebu
Kulħadd jistaqsi x'jagħmel għall-aħjar.
Kien hemm min ħalla l-Belt u mar għand ħbiebu,
Għax baża' mill-egħfiered ta' Ħal-Far.

Kien hemm min baqa' l-Belt; iżda ma' biebu
Dendel xi kverta mxarrba, jew liżar;
Xi ħadd seħet il-gass u lil min ġiebu
U sadd sa x-xquq bil-karti u bit-tajjar.

Xi wħud qagħdu bil-kwiet fil-gallarija
Jittawlu minn ġo l-ħġieġ jaraw id-daħna
U l-ajruplani taħdem fit-turija.

Oħrajn ma tathomx qalb jingħalqu ġewwa,
U telgħu fuq il-bjut: hekk għamilna aħna.
Issa, minn dawn in-nies min għamel sewwa?

DUN KARM.

12/3/36.

# ĦOLM IR-RAMLA TAN-NADUR *

F'tarf dak il-wied (1) bejn in-Nadur u x-Xagħra
X'inti toħlom, ja Ramla Nadurija?
Narak titħasseb u mill-ġdid tilmaħhom,
Bħal'kieku l-lum, ġrajjietek l-imgħoddija!

---

* Il-kittieb ta' dawn il-versi, wara li qalilna li hu dejjem ħabb il-lsien malti, talabna biex kieku nġibuhomlu fir-Rivista tagħna, mhux għal ħaġa oħra ħlief biex nagħmlulu l-qalb.

Il-versi ma humiex tajbin ħafna, iżda anqas ma huma hekk ħżiena li wieħed ma għandux jilqa' x-xewqa tas-sew qawwija ta' min kitibhom.

N. tal-E.

1 Il-Wied ta' xħajma.



Nilmaħha tiddi l-ħolma kbira tiegħek
Fuq ramlek isfar bi lwien sbieħ u ħajja:
Nilmaħ ix-xwieni tal-misħut Nofs-Qamar
jersqu lejk u bil-ħarsa jduru l-plajja,

U f'daqqa waħda nara tnejn imfarrka
Mal-ħajt li kienu bnew taħt l-ilma niesna,
Wit-Torok jgħibu taħt l-imwieġ qawwija,
Jidgħu u jgħajtu "'Ma le naqtgħu jiesna"!

U nies bil-kotra minn ġe' rdum tar-Ramla
Demmhom ibaqbaq dehru dlonk ġejjin:
Jistennew fuq ix-xtajta t-Torok jaslu
Biex jeqerduhom f'dak ir-rdum fil-ħin.

Tqabida kbira saret dlonk minn niesna
Kontra l-egħdewwa tad-Din qawwi tagħna:
Insiltu s-skieken, xaba' bid-demm ramlek
U baqgħu niesna rebbeħin, ferħana.

Ix-xwieni l-oħra ħadd minnhom ma nizżel
Fl-art nies biex jgħinu lil ħuthom mitlufa;
Għax ix-xjuħ tagħna hemm kienu jistennewhom,
"Jekk ninżlu," qalu "nibqgħu żgur mintufa".

Refa' mb'għad l-ankri wild Mawmettu l-kiefer,
Jisħet lil Għawdex sħiħ u jqarmeċ snienu;
"Ja wild id-Din nisrani," beda jgħajjat
"Ftakar li kollox, fl-aħħar jiġi żmienu."

Bin in-Nadur imbgħad tela' ferrieħi
Għall-maqdes t'Alla, li fuq l-għolja bena:
Faħħar u qiem lil Alla u 'l Pawlu tiegħu,
Għax ta' l-egħdewwa l-kiefra qalb kien fena.

Din hija l-ġrajja li qed toħlom, Ramla,
Li tmewweġ ħelwa maż-żiffa fuq ramlek,
Li madwar l-iġbla tidwi u tfakkar dejjem,
Li l-Mislem kiefer f'Dinek qatt ma ħamlek.

KR. VELLA HABER.